# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 30 ta' Mejju 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Luke Cremona**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: LUKE CREMONA ta' 21 sena, iben Francis Cremona u Patricia Agius li twieled gewwa Pieta', nhar it-3 ta' Gunju 2003, iddikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz, St. Agatha Res. Comp. Mais 186, Vjal l-Indipendenza, Zurrieq, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 208103L;**

**Akkużat talli**: *nhar id-28 ta' Gunju, 2024 ghal-habta ta' 23:00hrs, u fis-sieghat, u/jew fil-gimghat, u/jew fix-xhur ta' qabel gewwa diversi lokalitajiet u f'dawn il-gzejjer Maltin:*

1. *Soqt il-vettura ta' l-ghamla Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni JCG023 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.*

   ***Art 15 (1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta***

2. *Soqt il-vettura ta' għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni JCG023 fi triq mingħajr ma kellha l-pjanċi bin-numri ta' reġistrazzjoni.*

   ***Regolament 32(4) Legislazzjoni Sussidjarja 368.02***

dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom illum.

***DECIDE***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 32(4) ta' L.S. 368.02, l-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **LUKE CREMONA** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah **għal perijodu ta' sentejn (2) priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġi sospiż għal perijodu ta' erba' snin (4) millum. Inoltre l-Qorti qeda wkoll tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' ġimgħatejn millum. Finalment il-Qorti tordna li l-ammont ta' mitejn Ewro (€200) in konnessjoni mal-għoti tal-ħelsien mill-arrest permezz tad-digriet datat 17 ta' Settembru 2024 per Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech U l-ammont ta' mitejn Ewro (€200) in konnessjoni mal-għoti tal-ħelsien mill-arrest permezz tad-digriet datat 11 ta' Ġunju 2024 per Maġistrat Dr. Lara Lanfranco *ossia* total ta' erba mitt Ewro (€400) jiġu kkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta, filwaqt li MHUX qeda tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputat.**

Il-Qorti spjegat lill-ħati **LUKE CREMONA** fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma nġabet ebda prova in rigward.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jieħu dawk il-miżuri neċessarji sabiex jiġi kkonfiskati l-ammonti indikati f'din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiż-żmien pprovdut mill-Liġi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**30 ta' Mejju 2025**